# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 23 ta' Frar, 2022.**

**Numru 25**

**Rikors numru 502/12/1 SM**

**David Woodhouse Scicluna**

**v.**

**Malta Freeport Corporation Limited (C-9353) u Malta Freeport Terminals Limited (C-27581) għall-kull interess li jista' jkollha**

<u>Preliminari:</u>

1. Din hija azzjoni għad-danni li ġiet intavolata minn David Woodhouse Scicluna, impjegat tal-Malta Freeport Corporation Ltd, wara li safa midrub meta ntlaqat minn trakk waqt li kien fuq ix-xogħol.

2. Permezz ta' sentenza mogħtija fid-29 ta' Novembru, 2016, il-

Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet tal-attur bl-ispejjeż kollha kontrih; dan wara li qieset li l-inċident in kwistjoni seħħ riżultat ta' negliġenza, traskuraġni u nuqqas ta' ħsieb da parti tal-attur stess.

3. L-attur ħassu aggravat b'tali deċiżjoni u għalhekk interpona appell quddiem din il-Qorti fejn talabha tirrevoka s-sentenza appellata, tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta` appellata u tilqa' t-talbiet tiegħu kif dedotti fir-rikors promutur. Bl-ispejjeż kontra l-appellat.

4. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell din il-Qorti qed tirriproduċi r-rikors ġuramentat, ir-risposta tal-konvenuti, il-kunsiderazzjonijiet finali tal-ewwel Qorti, u l-parti deċiżorja tas-sentenza.

**Rikors maħluf ta' David Woodhouse Scicluna (670961M)**

"Jesponi umilment:

1. Illi huwa impjegat mal-korporazzjoni intimata Malta Freeport Corporation Limited (C-9353).

2. Illi huwa weġġgħa nhar l-ewwel (1) ta' Ġunju 2010 f' inċident awtomobilistiku waqt il-qadi tal-impieg tiegħu mal-korporazzjoni intimata Malta Freeport Corporation Limited (C-9353).

3. Illi minħabba tali inċident l-attur qiegħed isofri minn disabilita` permanenti hekk kif iċċertifika il-Konsulent Mediku Dr Ivan Esposito skont ir-rapport mediku hawn anness u immarkat bħala Dokument "DW1" u dana hekk kif se jkollu l-opportunita` illi jipprova r-rikorrent waqt it-trattazzjoni tal-kawża odjerna.

4. Illi l-imsemmi inċident seħħ unikament tort tal-intimati jew min minnhom u dana minħabba negliġenza, imperizja u non-osservanza

tar-regolamenti da parti tal-istess intimati jew min minnhom.

5. Illi għalkemm il-korporazzjoni intimata Malta Freeport Corporation Limited (C-9353) ġiet debitament interpellata sabiex tersaq għal-likwidazzjoni u eventwali ħlas ta' danni mir-rikorrent, l-istess korporazzjoni intimata baqgħet inadempjenti.

Għaldaqstant ir-rikorrent jitlob umilment li għar-raġunijiet fuq esposti dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara illi l-intimati jew min minnhom huma unikament responsabbli għall-inċident li seħħ nhar l-1 ta' Ġunju 2010 fejn weġġgħa r-rikorrent u dana minħabba negliġenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti da parti tal-intimati jew min minnhom;

2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent anke permezz ta' perit nominand.

3. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex iħallsu s-somma hekk likwidata lir-rikorrent.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax u rappresentanti u diretturi tal-intimati minn issa inġunti in subizzjoni.

…..

**Risposta maħlufa tas-soċjetajiet Malta Freeport Corporation Limited (C-9353) u Malta Freeport Terminals Limited (C-27581):**

L-Avukat Dottor Duncan Borg Myatt (ID 44578M) in rappreżentanza tas-soċjeta` intimata Malta Freeport Terminals Limited (C-27581) debitament awtorizzat, bil-ġurament tiegħu jikkonferma illi jaf is-segwenti fatti personalment u għaldaqstant jesponi u jeċċepixxi bir-rispett:

1. Illi in kwantu jirrigwardja s-soċjeta` intimata Malta Freeport Terminals Limited, ir-rikorrent Woodhouse Scicluna ma jsemmix fir-rikors maħluf tiegħu kif din kienet involuta fl-inċident de quo, u kif din setgħet b'xi mod kienet responsabbli għall-istess inċident. Konsegwentement it-talbiet tar-rikorrent kif dedotti fil-konfront tas-soċjeta` intimata Malta Freeport Terminals Limited jirriżulta illi huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi din is-soċjeta` ma għandha l-ebda relazzjoni ġuridika mar-rikorrent naxxenti minn dan l-inċident, u għandha għalhekk tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kollha ta' din il-kawża kontra r-rikorrent stess[1];

---

[1] Fis-seduta tas-27 ta' Ġunju 2012 quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ġie verbalizzat hekk:

*"Dr Zammit Maempel jiddikjara li r-rikorrent kien impjegat mal-Malta Freeport Corporation Ltd u mhux mas-soċjeta` l-oħra imsemmija. In vista ta' dan Dr Zammit Lewis jirtira l-kawża fil-konfront*

2. Illi in kwantu jirrigwardja s-soċjeta` intimata l-oħra Malta Freeport Corporation Limited, jirriżulta paċifikament illi din ma kkawżat l-ebda inċident illi fih kien involut ir-rikorrent iżda se mai dan l-inċident seħħ minħabba tort u traskuraġni ta' ċertu Joseph Schembri (ID 443368M illi kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LHQ-019 proprjeta` tad-ditta Schembri Bros,; u kwindi t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda fil-konfront tas-soċjeta` msemmija Malta Freeport Corporation Limited, bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

*3.* Illi inoltre u mingħajr preġudizzju għall-premess id-danni reklamati mir-rikorrent huma kkontestati, u r-rikorrent għandu jressaq kull prova valida skont il-liġi sabiex jipprova dak illi attwalment sofra in linea ta' danni *lucrum cessans* u/jew *damnum emergens.*

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skond il-każ, u kif permess mil-liġi.

…..

Illi jiġi sottolineat f' dan l-istadju li r-rikorrenti *"…inzerta ta' statura qasira"* (ara foll 11);

Illi ovvjament jiġi wkoll rilevat li s-sewwieq tat-trakk de quo obbligat li meta jsuq għandu jżomm proper lookout;

Illi pero` hu wkoll assodat li anke r-rikorrenti, bħala utent tat-triq, kellu wkoll id-dover li juża l-prudenza u d-diliġenza qabel jaqbad u jaqsam minn quddiem trakk ta' dik l-istazza;

Illi għalhekk minn eżami taċ-ċirkostanzi kollha tal-akkadut din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti kien negliġenti u imprudenti meta

1. Qasam quddiem it-trakk b'mod subitaneu

2. Qasam quddiem it-trakk waqt li "kien qiegħed iħares fil-ġenb tat-triq" (ara foll 11);

Illi r-ritratti in atti u d-dvd annessa a foll 76 tal-proċess – partikolarment is-sekondi 4 sa 6 tal-video clip, ma jħallu l-ebda dubju li effettivament l-inċident in diżamina ġie ikkundannat għaliex ir-rikorrenti qabad u qasam minn quddiem it-trakk de quo u konsegwetnement kien hu, u hu biss, li ħoloq periklu subianeu għalih innifsu;

---

*tal-Malta Freeport Terminals Ltd u Dr Zammit Maempel jirtira l-ewwel eċċezzjoni. Dan dejjem b'riserva għall-ispejjeż tal-kawża."*

Fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2021 quddiem din il-Qorti tal-Appell ġie vverbalizzat hekk:

*"Il-Qorti tirrileva illi l-okkju tal-kawża kif muri fis-sentenza appellata mhux tajjeb, u għalhekk għall-finijiet tal-Art 175(2) tal-Kap 12 qegħda tordna t-tiswija ta' dak l-okkju billi jerġgħu jiddaħħlu l-kliem "Malta Freeport Terminals Ltd, għal kull interess li jista' jkollha".*

Illi fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Joseph Micallef et vs Joseph Sammut et**, datata **28 ta' Ġunju 2001**, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tagħmel referenza għall-awtur Ingliż **Gibb,** u sostniet li bħala utent tat-triq utent għandu l-obbligu li juża:

> *"….such care for his own safety as a reasonable prudent man would exercise under the same circumstances" (para 127);*

Illi għalhekk meta r-rikorrenti ipproċeda biex jaqsam minn quddiem it-trakk in kwistjoni, u tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha fuq sintetikament elenkati, ir-rikorrenti poġġa lilu nnifsu f' post fejn mhux suppost li kien – senjatament quddiem it-trakk;

Illi tenut kont tas-suespost, is-soċjeta\` intimata m'għandhiex tiġi tenuta responsabbli għall-konsegwenzi subiti mir-rikorrent riżultat tal-aġir inkonsult tiegħu stess;

**DECIDE**

Illi in vista tal-premess din il-qorti ma tqisx li r-rikorrenti ipprova t-talbiet tiegħu skont il-liġi, u in effetti jirriżulta li l-inċident in diżamina seħħ tort tan-negliġenza, traskuraġni u nuqqas ta' ħsieb da parti tar-rikorrenti stess, u konsegwentement:

1. Takkolji r-risposti kollha tas-soċjeta\` intimata stante li ma jirriżultax li hi taħti għan-nuqqasijiet addebitati lilha rigwardanti s-sigurta\` fuq il-post tax-xogħol u għall-inċident de quo;

2. Tirrespinġi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

3. Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura kontra r-rikorrenti."

## <u>Rikors tal-appell tal-attur (15.12.2016):</u>

5. L-attur ikklassifika l-aggravji tiegħu taħt is-segwenti intestaturi:

(1) <u>Id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti dwar ir-responsabbilta\` tal-inċident:</u>

Fl-ewwel aggravju tiegħu jenfasizza li apparti l-prinċipji ġenerali tal-ħtija fil-Kodiċi Ċivili (Kap 16) wieħed irid jara l-liġi speċjali li tirregola l-post

tax-xogħol, u jagħmel aċċenn għall-Artikolu 6(1) u (2) tal-Kap 424. Jargumenta li joħroġ ċar minn din il-liġi li l-ewwel obbligu sabiex titħares is-saħħa u s-sigurta` fuq il-post tax-xogħol hija imposta fuq is-soċjeta` appellata biex tassigura li jkunu ttieħdu dawk il-miżuri neċessarji biex jimminimizzaw ir-riskju fuq il-ħajja tal-impjegat. Isostni li l-inċident ġara tort tas-soċjeta` appellata li naqset milli tagħmel dak li suppost kellha tagħmel u li għalhekk marret lil hinn mid-dmir tagħha skont il-liġi.

(2) <u>Responsabbilta` tal-Inċident:</u>

Fit-tieni lok huwa jsostni li l-komportament tiegħu ma kienx imprudenti, u li ma għamilx att inaspettat. Jargumenta li mir-ritratti esebiti minnu li juru kif il-vetturi u trakkijiet li jgħaddu mit-Terminal jiġu kklerjati mis-*security officers* wieħed għandu jinnota l-periklu kontinwu li tali *security officers* jaffaċċjaw kuljum. Jikkummenta li persuna f'nofs it-triq, bil-vetturi u trakkijiet kostantement għaddejjin miż-żewġ naħat tagħha titfa' stampa ċara ta' kemm is-soċjeta` konvenuta ma tiħux is-saħħa u s-sigurta` tal-impjegati tagħha bis-serjeta`.

(3) <u>L-obbligu u n-nuqqasijiet tas-soċjeta` appellata:</u>

Fit-tielet lok u b'referenza għall-ġurisprudenza nostrana, partikolarment is-sentenza mogħtija fid-9 ta' Ottubru, 2009, mill-Prim'Awla fil-kawża fl-

ismijiet **Paul Grech v. Carmelo Bugeja**, jaċċenna għal-lista ta' doveri li min iħaddem għandu jadopera sabiex iħares is-saħħa tal-impjegati. Jenfasizza li mill-provi prodotti jidher li l-proċedura fil-*Freeport* illum-il ġurnata nbidlet u tjiebet, fatt li jikkonferma li s-soċjeta` konvenuta kienet naqset li tħares il-liġi dwar is-saħħa u s-sigurta` tal-impjegati tagħha.

(4) Konsiderazzjonijiet ta' dritt:

Finalment jenfasizza li min iħaddem għandu mhux biss jidderieġi lill-impjegat sabiex jagħmel xogħlu iżda fuq kollox għandu d-dmir li jieħu ħsieb li jevita kwalunkwe riskju żejjed li jista' jirriżulta mix-xogħol; jgħid li dan id-*duty to care* joħroġ ċar mill-Art. 6(1) tal-Kap 424. Jargumenta li s-soċjeta` konvenuta setgħet raġonevolment eliminat kull riskju ta' perikolu kieku ħadet l-inizjattiva li tagħmel *risk assessment* fuq il-post sabiex tkun f'pożizzjoni li telimina r-riskju li jseħħu inċidenti. Jaċċenna għall-fatt li minħabba l-għoli tat-trakkijiet huwa kemmxejn impossibbli għas-sewwieq li jara min ikun hemm għaddej quddiem it-trakk minn ċertu għoli 'l isfel u jikkummenta li setgħet per eżempju ġiet installata *barrier* biex iżżomm lit-trakkijiet milli jgħaddu mit-terminal sakemm din ma tiġix mgħollija mis-*security officer.*

**Risposta tal-appell tal-korporazzjoni konvenuta (29.12.2016):**

6. Il-korporazzjoni konvenuta preliminarjament qajmet in-nullita` tal-appell *stante* li fir-rikors tal-appell ma ġiex indikat jekk l-appell kienx qed jiġi ppreżentat fis-sede Superjuri jew Inferjuri tal-Qorti tal-Appell.

7. Sussisdjarjament sostniet li s-sentenza hija waħda ġusta u timmerita konferma, bl-ispejjeż doppji kontra l-attur. Hija bażikament tenfasizza li ma kien hemm l-ebda ness ta' kawżalita` bejn l-allegati nuqqasijiet tagħha u s-sinistru. Tgħid illi kienet korretta l-ewwel Qorti meta rriteniet li r-regolamenti u l-liġijiet dwar is-saħħa u s-sigurta` fuq il-post tax-xogħol ma jikkrejawx *strict liability* u l-prinċipju fundamentali jibqa' dak imnaqqax fl-Artikolu 1031 tal-Kap 16 li kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu. Issostni li l-attur ma jistax jippretendi, kif jaħsbu ħafna nies, li ladarba bniedem iweġġa' fuq ix-xogħol allura min iħaddmu bilfors irid iħallas għad-danni li huwa jsofri.

**L-EĊĊEZZJONI DWAR IN-NULLITA` TAL-APPELL:**

8. Is-soċjeta` konvenuta appellata ssollevat in-nullita` tal-appell *stante* li ma ġiex indikat jekk kienx qed jiġi ppreżentat fis-sede Superjuri jew Inferjuri tal-Qorti tal-Appell. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li tali nuqqas huwa wieħed li jirrendi l-appell null. Ladarba l-appell huwa minn sentenza

tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili huwa ovvju li l-kliem "*Fil-Qorti tal-Appell*" fuq in-naħa ta' fuq tar-rikors tal-appell jirreferu għas-sede superjuri u mhux għal dik inferjuri.

**PROVI DWAR L-INĊIDENT:**

9. Ir-rapport tal-pulizija[2] dwar l-inċident jaqra hekk:

> *"Illum 01/06/2010 għall-ħabta tas-13:45hrs il-pulizija tad-distrett ta' B'Bugia ġew infurmati minn PC204 li kien għadu kemm sar inċident quddiem l-entratura tal-Port Ħieles li hemm ħdejn l-oil tanking f' Kalafrana fejn ittajret persuna b'daqqa ta' truck.*
>
> *Il-pulizija marru fuq il-post fejn hekk kif waslu sabu ambulanza. Il-vittma deher qed jiġi ikkurat u kien qed jittella' fuq stretcher u wara ittieħed bl-istess ambulanza l-isptar Mater Dei.*
>
> *Fuq il-post il-pulizija l-ewwel ma kellmet kien Joseph Schembri li huwa x-xufier tat-truck involut tal-għamla ERF numru ta' reġistrazzjoni LHQ019.*
>
> *Schembri qal li huwa kien ħiereġ normali mill-Freeport, waqaf normali biex jieħu l-clearance mingħand is-securities u kif saq kull ma sema' kien ħafna nies jgħajtu "ieqaf, ieqaf". Kif niżel mit-truck sab lis-security li kien mal-art. Minn dak il-ħin 'l hemm huwa ma kienx jaf x' gara iktar.*
>
> *Is-security li tah il-clearance, Massimo Tonna, ID 334672M, Security Controller no 6 qal li huwa ma ra xejn. Li jaf biss huwa li Schembri waqaf ħdejh proċedura normali u kif qallu biex isuq, sema' ħafna għajjat biex jieqaf.*
>
> *Joe Mercieca wieħed mis-securities in charge mob no:******** infurma lill-pulizija li l-vittma kien security minn tagħhom no 35 bl-isem ta' David Woodhouse ID 670961M.*
>
> *Meta ġie mistoqsi x' kien jaf dwar il-każ, huwa qal li dak il-ħin ma kienx preżenti pero indika lil ċertu Willie Mintoff li huwa xufier ieħor ta' truck fejn seta' ra l-inċident iseħħ.*
>
> *Willie Mintoff ID 688957M ġie mitkellem wara ftit mill-pulizija fejn qal li*

[2] Rapport datat 01.06.2010, magħmul minn WPC Valentina Schembri, Dok DW2, fol 10-12

*huwa kien qed jistenna biex jidħol fil-Freeport bit-truck tiegħu. Huwa nnota li t-truck ta' Schembri wieqaf fejn is-securities l-oppost tiegħu, is-security li nzerta ta' statura qasira kien quddiem it-truck b' rasu sax-xibka u kien qed iħares fil-ġenb tat-triq. Schembri kie appena saq fuq il-first gear laqat lis-security biss bil-konsegwenza s-security waqa' mal-art u nħareġ minn wara t-truck.*

*Aktar stħarriġ għadu għaddej mill-pulizija.*

*David Saliba mill-Health and Safety ġie infurmat.*

*…"*

10. Il-PS 853 Frankie Sciberras fix-xiehda tiegħu quddiem l-ewwel Qorti[3] qal li wara li ġie nfurmat bl-inċident mar fuq il-post fejn sab li l-ambulanza kienet hemm. Spjega li wara li l-attur ittieħed l-isptar huwa kellem lix-xufier tat-trakk Joseph Schembri u dan qallu li kien qed ikellem lil min jieħu ħsieb l-entratura tal-*Freeport* biex jara jieħux il-*clearance*, u li meta ġie awtorizzat biex joħroġ, kif ta l-*first gear* u kien ħa jsuq beda jisma' ħafna għajjat sabiex jieqaf. Qallu li waqaf, niżel mit-trakk u ra lill-attur mal-art. Ix-xhud qal li kellem ukoll lil Massimo Tonna, il-kontrollur nru 6 li qallu li kull ma jaf hu li kien ta l-*clearance* lix-xufier u mbagħad beda jisma' ħafna għajjat. Qal li t-trakk kien għadu fil-proprjeta` tal-*Freeport* u ma kienx għadu fit-triq.

11. L-attur David Woodhouse Scicluna fl-affidavit tiegħu[4] spjega li dakinhar tal-inċident huwa kien qed jaqdi d-dmirijiet tiegħu bħala *security officer* fil-Port Ħieles. Qal li kienu "*understaffed*" u kellu jlaħħaq ma' żewġ

[3] Xhieda tal-PS 853 Frankie Sciberras, 19.06.2014, fol 49-50
[4] Affidavit tal-attur maħluf fid-09.10.2012, fol 30

karreġġjati li joħorġu mill-Port, ċioe` dak tal-vetturi normali u dak tal-*heavy vehicles*. Qal li normalment tali xogħol jagħmluh tlieta min-nies jew iktar. Kompla hekk:

> *"Niftakar illi f' ħin minnhom rajt truck riesaq u bħalma nagħmel normalment ridt navviċinah biex nieħu n-numru mingħand it-truck driver, imbagħad li niftakar hu illi dan it-truck laqatni. Ma nafx ngħid jekk it-truck kienx wieqaf imbagħad saq għal fuqi, jew jekk kienx miexi bil-mod ħafna imbagħad żied il-velocita` u laqatni. Li hu żgur hu li jien spiċċajt taħt dan it-truck li għadda minn fuqi."*

12. Kontro-eżaminat[5] qal li huwa kien stazzjonat fil-*lane* numru erbgħa (4) iżda minħabba l-esiġenzi tax-xogħol kien qed jiġri fuq *lanes* oħra wkoll. Qal li fil-ħin tal-inċident kienu hu u ieħor, pero` suppost ikunu tlieta jew erbgħa. Spjega li jkun hemm żewġ kmamar tas-sigurta`, u li huwa kien waħdu fil-kamra tas-sigurta` tiegħu. Kompla hekk:

> *"Ma nafx kienx hemm Security Officer ieħor fil-kamra n-naħa l-oħra. In-naħa fejn kont stazzjonat jien kienu joħorġu t-trakkijiet 'il barra mill-Freeport. Mistoqsi minn ta l-clearance lit-trakk li kien ħiereġ mill-Freeport ngħid illi ħadd ma tah clearance. Dan baqa' ħiereġ. Mistoqsi x' suppost jagħmel dan it-trakk ngħid illi peress illi hemm stop sign impinġi fl-art hu suppost li waqaf. It-trakk waqaf 'il fuq minn fejn suppost jieqaf. Mistoqsi jekk jiena ftaħtx proċedura legali fil-konfront tax-xufier li daħal fija fl-inċident in diżamina ngħid illi skont l-avukat illi kelli qabel suppost li infetħet. L-istop sign qegħda 'l ġewwa mill-kamra biex meta trakk ikun ħiereġ jieqaf magħna fil-lane. Mistoqsi allura jien u ħiereġ mill-kamra fejn kont ma rajtx it-trakk, ngħid jien meta ħriġt sibt il-bieba ma' wiċċi. Mistoqsi jekk jiena stajtx nara t-trakk fit-tul ngħid illi minn fejn kont fil-kamra ma tistax tarah għax għandek il-kamra. Mistoqsi jekk qabel ma ħriġt mill-kamra jiena rajtx it-trakk ngħid ninforma lill-Qorti illi l-kamra fiha żewġ bibien wieħed minnhom jagħti għall-karreġġjata numru erbgħa (4) u l-ieħor jagħti għall-karreġġjata numru tlieta (3). Jiena kont għal fuq il-karreġġjata numru erbgħa (4) u mort għal fuq il-karreġġjata numru tlieta (3). Meta mort għal fuq il-karreġġjata numru tlieta (3) sibt it-trakk ma wiċċi. Mistoqsi jekk ħaristx qabel ma ħriġt mill-kamra ngħid illi jista' jkun li ħarist iżda jista' jkun li ma ħaristx pero` t-trakk laħaq miegħi. Mistoqsi b'kemm kien veloċita`, kemm veloċita`*

[5] Kontro-eżami tal-attur, 14 ta' Frar, 2016

*kien qed isuq it-trakk ngħid Allahares kien b'veloċita` qawwija għax kieku qatilni. Meta ħriġt kien imdawwar żewġ metri u nofs jew tlett metri 'l bogħod minni. Mistoqsi allura la rajt trakk f' din id-distanza xorta bqajt ħiereġ ninforma lill-Qorti li peress illi hija 'blind corner' ma tarahx. Qed nuri diversi kopji ta' ritratti a fol 77 tal-proċess u ngħid illi dawn ir-ritratti juru eżatt fejn kont kif diġa spjegajt qabel. It-trakk in kwistjoni kien ħiereġ minn ġol-gate. Mistoqsi kif jista' jkun illi jekk noħroġ mill-kamra ma narax trakk ngħid illi wieħed ma jarahx it-trakk. Jekk wieħed joħroġ mill-istess kamra pero` joħroġ minflok fuq il-lane three (3) fi ftit minuti ssib it-trakk miegħek. Meta ħriġt mill-kamra jiena sibt il-bieba tal-passiġġier tat-trakk ma' wiċċi. Skont ir-regolamenti tal-Freeport min ikun qed isuq it-trakk irid iħalli bieba tal-passiġġier miftuħa biex aħna nkunu nistgħu nieħdu xi affarijiet. Il-bieba in kwistjoni kienet illokkjata. Mistoqsi kif seta' jtajjarni dan it-trakk jekk jiena kont fuq il-ġenb tiegħu ngħid illi din faċli dan għaliex la x-xufier kellu l-bieba tal-passiġġier magħluqa jiena kelli mmur min-naħa tax-xufier biex nieħu d-dokumenti. Jiena għalhekk kont kostrett ngħaddi minn quddiem it-trakk u meta għaddejt quddiem it-trakk ix-xufier tat-trakk saq għal fuqi. Jiena nixtieq ninforma lill-Qorti li jiena fittixt kemm lix-xufier in kwistjoni kif ukoll lill-kumpanija li tħaddmu."*

13. <u>Massimo Tonna,</u> xehed[6] li huwa mpjegat bħala *Security Officer* mas-soċjeta` konvenuta u li dakinhar tal-inċident huwa kien stazzjonat fil-*main gate*.

*"Niftakar illi dakinhar tal-inċident Joseph Schembri kien ħiereġ bit-trakk tiegħu mill-gate, waqaf fuq l-istop sign, tani s-security pass tiegħu biex nippanċjahulu u indika li kien ħiereġ 'il barra mill-Freeport, ippanċjajtu u tajtulu lura. Kif kont sejjer biex inkompli fuq xogħli smajt l-għajjat minn xi nies li kien hemm fil-viċin. Jiena rajt lill-kollega tiegħi lir-rikorrenti mal-art. Jiena proprjament kont fuq xogħol fuq parti oħra tal-gate. Jiena ma rajtx xi moviment, lit-trakk ta' Schembri ma rajtux miexi.*

*Ninforma lill-qorti li fuq il-gate aħna nkunu tlett uffiċjali stazzjonati. Wieħed responsabbli mid-dħul tal-containers biss, ieħor li jkun fuq il-ħruġ tal-containers, u fin-nofs ieħor responsabbli mid-dħul u ħruġ tal-karozzi u dħul u ħruġ ta' containers vojta. Ir-rikorrenti dakinhar kien … fuq in-naħa tal-ħruġ tal-containers. Aħna nkunu fl-apert, ma nkunux fil-kamra meta nesegwixxu x-xogħol tagħna. Min-naħa ta' fejn kien ħiereġ Schembri hemm qisu kamra fl-għoli u fuq in-naħa l-opposta hemm stess, pero` dawk aħna ma noqgħodux fihom.*

*Meta jiena dawwart wiċċi smajt l-għajjat jiena rajt lir-rikorrenti taħt it-trakk ta' Schembri. Mistoqsi fejn rajt it-trakk ta' Schembri meta dawwart*

[6] Xhieda ta' Massimo Tonna tad-09.12.2015, fol 100 et seq

*wiċċi u rajt lir-rikorrenti taħtu, ngħid li rajt it-trakk ta' Schembri ftit 'l quddiem, pero` ftit żgħira. Ir-rikorrenti kien fuq in-naħa tal-ħruġ tal-containers. Jien biss kont l-uffiċjal responsabbli biex nagħti l-clearance lil Joseph Schembri."*

14. Kontro-eżaminat u muri r-ritratt a fol 63 li jindika l-post fejn sar l-inċident, huwa qal li huwa kien fuq in-naħa li huwa mmarka bl-ittra "A", is-sewwieq Schembri kien ħiereġ min-naħa li huwa mmarka bl-ittra "B" u l-attur kien fil-parti li mmarka bl-ittra "C". Qal li fil-ħin tal-inċident ma kien hemm ħadd aktar ħlief huma. Qal li suppost ikun hemm xi ħadd fin-nofs pero` l-persuna responsabbli marret għall-*break* bi ftehim magħhom.




15. <u>Joseph Schembri,</u> is-sewwieq tat-trakk li bih intlaqat l-attur, spjega li huwa burdnar u xehed[7] hekk:

*"Jiena kont ħiereġ bit-trakk, waqaft fil-gate, kien hemm is-Security, ċertu Massimo biex "jikklerjani", tani l-go ahead biex noħroġ, dak il-ħin*

[7] Xhieda ta' Joseph Schembri tad-09.12.2015, fol 98 et seq

> *kont wieqaf. Meta qlajt, smajt, imxejt naqra żgħira u smajt l-għajjat biex nieqaf, imbagħad rajt lir-rikorrenti ħiereġ minn taħt it-trakk. Qabel il-mument li rajt lir-rikorrenti ħiereġ minn taħt it-trakk tiegħi jiena ma kontx rajtu. Jien u ħiereġ ikun Security fuq in-naħa tal-lemin u ieħor fuq in-naħa tax-xellug. Dawn għandhom kamra fuq iż-żewġ naħat kemm tal-entratura kif ukoll tal-ħruġ. Kien qed ikellimni l-Uffiċjal min-naħa tal-lemin. Fil-konfront tiegħi ħadd ma ħa passi ta' natura ċivili jew kriminali. Mingħand ir-rikorrenti jiena qatt ma rċevejt xi talba għad-danni."*

16. Kontro-eżaminat qal li s-*Security Officers* ġieli jiċċaqalqu mill-kmamar tagħhom pero` kulħadd ikollu x'jaqsam man-naħa ta' fejn ikun, pero` minħabba l-esiġenzi tax-xogħol ġieli jkollhom jersqu fil-karreġġjata tan-nofs. Qal ukoll li sa fejn jiftakar hu il-*layout* li jidher fir-ritratt a fol 63 tal-proċess m'għadux hekk sallum pero` dak iż-żmien kien kif jidher fir-ritratt.

17. In ri-eżami qal li l-attur ma kienx involut fil-*clearance* tiegħu.

18. William Mintoff xehed[8] li huwa burdnar u li kien preżenti dak il-ħin tal-inċident. Qal li kien ra lill-attur jitgerbeb mal-art minn wara t-trakk u li mbagħad qam. Qal li l-inċident seħħ fil-ħruġ u li qabel l-inċident it-trakk kien wieqaf. Qal li jekk mhux sejjer żball ra lill-attur ħiereġ mill-kamra l-oħra u għadda minn quddiem it-trakk li dak il-mument kien diġa' beda miexi 'l quddiem. Qal li kellu viżwali tajba tal-inċident għaliex kien faċċata tagħhom pero` qal li induna għaliex kien hemm in-nies qed jgħajtu.

[8] Xhieda ta' William Mintoff tad-09.12.2015, fol 102 et seq

19. Kontro-eżaminat qal li dak il-ħin tal-inċident kien qed jaqta' l-karti ftit 'il fuq. Spjega li ftit 'il fuq mill-post fejn sar l-inċident hemm kamra fejn wieħed jipparkja l-vettura tiegħu, jgħaddi l-karti lill-uffiċjal inkarigat li jdaħħalhom fis-sistema, imbagħad dak li jkun jidħol mill-*gate* ta' maġenbhom biex jidħol il-*Freeport.* Qal li dak il-ħin kien għadu dieħel.

20. Jesmond Baldacchino, Kap tat-Teknoloġija tal-Informatika fi ħdan is-soċjeta` konvenuta, fix-xiehda tiegħu[9] ppreżenta *DVD* (Dok JB1)[10] *b'video recording* u *stills* mis-*CCTV* tal-mument tal-inċident, kif ukoll ritratti mmarkati Dok JB2 sa JB8[11]. Spjega li r-ritratti Dok JB4 sa JB8 huma *frame* li juru s-sekwenza tal-inċident:

> *"Id-dokumenti mmarkati Dok JM4 sa JB8 huma frame li juru s-sekwenza fejn it-trakk li kien involut fl-inċident in diżamina qiegħed jidher fil-gate tal-faċilita`, f' mument minnhom joħroġ il-persuna involjuta quddiem dan it-trakk illi jidher qed jagħmel żewġ movimenti distinti, jidher ħiereġ mill-kamra, jersaq lejn it-trakk imbagħad jersaq fin-nofs tat-trakk. Imbagħad fl-aħħar sekwenza hemm fejn din il-persuna ma tidhirx imma effettivament jirriżulta li t-trakk għadda minn fuqu. Fl-aħħar sekwenza jidher it-trakk jagħmel moviment oltre fejn il-persuna involuta xorta ma tidhirx. Jien responsabbli mill-IT system kollha użati fil-Freeport inkluż is-CCTV."*

## KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI :

21. L-appell tal-attur bażikament jirrigwarda ir-responsabbilta` għall-inċident. Skont hu għall-inċident in kwistjoni kienet taħti unikament is-

[9] Xhieda ta' Jesmond Baldacchino tas-26 ta' Novembru, 2014, fol 74 et seq
[10] Dok JB1, fol 76
[11] Dok JB2 sa JB8, fol 77-84

soċjeta` intimata Malta Freeport Corporation Ltd talli naqset li tieħu s-saħħa u s-sigurta` tal-impjegati tagħha bis-serjeta` kif kienet obbligata li tagħmel skont il-liġi.

22. Huwa jaċċenna għas-segwenti provvedimenti tal-Kodiċi Ċivili:

Artikolu 1031 (Kap 16)

> *"Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu."*

Artikolu 1032(1) (Kap 12)

> *"Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-famiija."*

Artikolu 1033 (Kap 12)

> *"Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk."*

23. Jirriferi wkoll għall-Kap 424 (Att Dwar l-Awtorita` għas-Saħħa u s-Sigurta` fuq il-post tax-Xogħol) li speċifikatament jobbliga lil dak li jħaddem li jassigura ruħu li l-impjegati tiegħu qegħdin jaħdmu f'ambjent sikur, senjatament:

Artikolu 6(1) (Kap 424)

> "*Min iħaddem għandu dejjem jiżgura is-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-*

*persuna li tħaddem…"*

<u>Artikolu 6(2) (Kap 424)</u>

> *"Il-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol, għandhom jittieħdu fuq il-bażi ta' dawn il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li ġejjin, jiġifieri –*
>
> *(a) li jiġi evitat riskju;*
>
> *(b) l-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;*
>
> *(ċ) l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*
>
> *(d) il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*
>
> *(e) li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż b'dak li ma jkunxperikoluż jew li jkun anqas perikoluż;*
>
> *(f) billi tingħata prijorità lill-miżuri ta' protezzjoni kollettivi fuq miżuri ta' protezzjoni individwali;*
>
> *(g) li jiġi adattat ix-xogħol għall-ħaddiem, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mal-iddisinjar ta' postijiet tax-xogħol, l-għazla ta' tagħmir tax-xogħol u l-għażlata' metodi ta' produzzjoni u ta' xogħol, u partikolarment sabiex jiġi mnaqqas xogħol monotonuu xogħol li jkollu rata ta' xogħol stabbilita minn qabel,u biex jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa;*
>
> *(ħ) billi wieħed jaddatta ruħu għall-progress tekniku fl-interess tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; u*
>
> *(i) billi tiġi żviluppata policy ta' prevenzjoni globali u loġika li tkopri it-teknoloġija, l-organizzazzjoni ta' xogħol, il-kundizzjonijiet ta' xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent tal-post tax-xogħol."*

24. Mill-provi prodotti jirriżulta li dakinhar tal-inċident kien hemm tliet (3) ħaddiema jaħdmu mal-*gate:* <u>l-attur</u> (li kien fuq il-parti ndikata "C" fuq ir-ritratt a fol 63), <u>Massimo Tonna</u> (li kien fuq il-parti ndikata "A" fuq ir-ritratt a fol 63) <u>u persuna oħra fin-nofs</u>, li fil-ħin tal-inċident kienet marret

tieħu *break* bi ftehim mal-attur u ma' Tonna. Skont Massimo Tonna kien hu l-uffiċjal li kellu jagħti il-*clearance* lit-trakk in kwistjoni; Joseph Schembri jgħid li fil-fatt kien Tonna li tah il-*clearance* u li l-attur ma kienx involut fil-*clearance* tat-trakk tiegħu. L-attur da parti tiegħu jgħid li ħadd ma ta *clearance* lit-trakk. Jidher għalhekk li fehem li kien hu li kellu jagħti l-*clearance*, u sostna li kellu jaqsam minn quddiem it-trakk biex imur in-naħa tas-sewwieq sabiex jiġbor xi dokumenti peress li l-bieba tal-passiġġier kienet illokkjata.

25. Ma ttella' ħadd mis-soċjeta` konvenuta sabiex jitfa' xi dawl dwar min kien obbligat jagħti l-*clearance* lit-trakk fiċ-ċirkostanzi ta' dik il-ġurnata, jew biex jispjega dwar jekk kienx permess għall-impjegati li jiftiehmu bejniethom dwar kif kellhom jieħdu l-*break* u jkopru lil xulxin.

26. Lanqas ma tressqu provi dwar allegazzjoni tal-attur li l-proċedura illum-il ġurnata nbidlet u ġiet "ameljorata". Hemm biss ix-xhieda tax-xufier tat-trakk li qal "*sa fejn jiftakar hu*" il-*layout* tal-*gate* li jidher fir-ritratt a fol 63 illum inbidel.

27. Jiġi osservat ukoll li fir-rapport tal-pulizija ġie dikjarat li ċertu David Saliba mill-"*Health and Safety*" kien ġie infurmat bl-inċident. Madanakollu ma tressqu l-ebda provi fir-rigward kif is-soltu jsir f'kawżi bħal dawn. L-attur lanqas biss iddikjara fil-lista tax-xhieda tiegħu lil David Saliba jew lil

xi rappreżentant ieħor tal-Awtorita` għas-Saħħa u s-Sigurta` fuq il-post tax-Xogħol (OHSA). Għalhekk din il-Qorti la taf jekk saritx investigazzjoni mill-OHSA u wisq anqas għandha quddiemha xi konklużjonijiet tal-istess OHSA dwar l-inċident. Ċertament il-fatt li l-attur ma ressaq lil ħadd mill-OHSA ma tgħinx il-kawża tiegħu.

28. Kif tajjeb spjegat l-ewwel Qorti m'hemmx "*strict liability*" fuq min iħaddem. Bil-fatt biss li jkun seħħ inċident fuq il-post tax-xogħol ma jfissirx li min iħaddem huwa awtomatikament responsabbli; sta għall-ħaddiem li jipprova li fil-fatt kien hemm nuqqas ta' miżuri ta' tħaris tas-sigurta`. Rinfaċċata b'tant nuqqasijiet ta' provi f'dan ir-rigward din il-Qorti ċertament li mhix f'pożizzjoni biex tikkonkludi jekk is-soċjeta` konvenuta naqsitx milli tipprovdi *a safe place of work* skont l-obbligi legali tagħha.

29. In oltre l-Artikolu 7(1) tal-Kap 424 jipprovdi hekk dwar id-dmirijiet tal-ħaddiem:

> *"Huwa d-dmir ta' kull ħaddiem li jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu kif ukoll dik ta' persuni oħra li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir."*

30. Dak li jirriżulta mill-provi fil-fatt hu li l-attur (li huwa ta' statura qasira) ħa d-deċiżjoni li jaqsam minn quddiem it-trakk (li ovvjament huwa ferm għoli mill-art) mingħajr ma assigura ruħu li s-sewwieq tat-trakk kien rah. Ma jidher li kienet seħħet l-ebda tip ta' komunikazzjoni bejn Schembri u l-

attur qabel ma l-attur iddeċieda li jaqsam minn quddiem it-trakk. Jidher għalhekk li kienet manuvra riskjuża għall-aħħar u ażżardata dik magħmula mill-attur.

31. F'sentenza riċenti mogħtija minn din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Michael Busuttil v. Magdalena Abela**[12] ġie enfasizzat kemm huwa nuqqas kbir da parti ta' utent tat-triq li ma jassigurax ruħu li s-sewwieq ta' vettura (temporanjament) wieqfa li minn quddiemha huwa jkun irid jaqsam ikun konxju tal-preżenza tiegħu u tal-intenzjoni tiegħu li jaqsam minn quddiem tali vettura (sottolinejar ta' din il-Qorti):

> *"Min-nuqqasijiet kollha elenkati mill-ewwel Qorti, l-iktar wieħed sinifkanti u grossolan huwa ċertament ir-raba' wieħed, ċioe` il-fatt li huwa ddeċieda li jaqsam minn quddiem vettura - li evidentement kienet appik li taqla' u toħroġ għar-roundabout - mingħajr ma assigura ruħu li s-sewwieqa (il-konvenuta) kienet indunat bil-preżenza tiegħu. Meta ħares lejn wiċċha ra li kienet qiegħda tħares lejn il-lemin tagħha, lejn it-traffiku ġej minn Triq Reġjonali u mhux lejn ix-xellug, ċioe` lejh. Huwa allura kellu jkun jaf li l-konvenuta ma kinitx konxja tal-fatt li kien bi ħsiebu jaqsam minn quddiemha. Madanakollu, sempliċiment għaliex, skont hu, it-traffiku kien għadu ġej minn Triq Reġjonali u allura l-konvenuta kellha tibqa' tistenna sakemm toħroġ għar-roundabout, deherlu li kien mument tajjeb għalih li jaqsam. Kif ikkummentat l-ewwel Qorti fir-rigward pero`, l-utent tat-triq m'għandu l-ebda dritt jissostitwixxi d-diskrezzjoni u l-ġudizzju tiegħu għal dak tas-sewwieq ta' vettura, għaliex il-perspettiva u l-ġudizzju ta' wieħed mhux neċessarjament tkun bħal tal-ieħor."*

32. Fil-fatt kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, il-*video clip* tal-inċident (proprju is-sekondi 4 sa 6) juri kif l-attur "*qabad u qasam*" minn quddiem it-trakk b'mod li ħoloq periklu għall-għarrieda għalih innifsu. Il-fatt li t-trakk kien jinsab fil-proprjeta` tal-Port Ħieles u mhux fi triq pubblika ma

[12] Deċiża minn din il-Qorti kif preseduta, fit-30.06.2021

tnaqqasx mill-prudenza u l-attenzjoni li l-attur kien tenut jeżerċita fuq persuntu stess.

-----

33. Għalhekk din il-Qorti fid-dawl tas-suespost jirriżultalha li:

(1) l-attur naqas milli jipprova li s-soċjeta` konvenuta kienet responsabbli għas-sinistru;

(2) l-attur naqas milli jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurta` tiegħu stess meta b'nuqqas ta' prudenza, diliġenza u ħsieb ta' *bonus paterfamilias* għal ħajtu stess qasam quddiem it-trakk mingħajr ma assigura ruħu li x-xufier kien jaf li kien ser jaqsam quddiem it-trakk misjuq minnu.

**<u>DEĊIDE</u>**

34. Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell tal-attur u tikkonferma s-sentenza appellata.

35. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-attur appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da